MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Frar, 2023

Appell Inferjuri Numru 44/2022 LM

**Du Jingbo**
*('l-appellant')*

***vs.***

**L-Aġenzija Identity Malta u Central Visa Unit**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Du Jingbo** [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tal-5 ta' Mejju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li permezz tagħha l-Bord iddeċieda li l-appell tar-rikorrent mid-deċiżjoni tal-intimata **Central Visa Unit** [hawnhekk 'l-appellata'] ikkomunikata

lir-rikorrent fis-16 ta' Marzu, 2021, għandu jiġi miċħud għaliex ir-raġunijiet li għalihom il-*visa* tiegħu kienet qegħda tiġġedded m'għadhomx jissussistu.

**<u>Fatti</u>**

2. Fir-rikors tal-appell ippreżentat minnu quddiem il-Bord, ir-rikorrent spjega li huwa kellu *visa* għal skopijiet ta' trattament mediku, liema *visa* skadiet fit-28 ta' Marzu, 2021. Qal li din il-*visa* kienet ħarġitlu fil-15 ta' Settembru, 2020. Jirriżulta li r-rikorrent kien ilu Malta abbażi ta' visas li inħarġulu matul is-snin, u fl-aħħar snin inħarġitlu *visa* għal skopijiet mediċi wara li safa rikoverat waqt li kien Malta.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent spjega li fl-2018 huwa ħassu ma jiflaħx u kien rikoverat fl-Isptar Saint James, fejn sar jaf li kellu problemi b'qalbu. Ir-rikorrent qal li qabel ġie Malta huwa kien għamel żmien rikoverat fi sptar fiċ-Ċina. Qal li hu dejjem kellu *visa* valida biex ikun jista' jgħix hawn Malta, u l-*visas* li nħarġulu dejjem kienu għal skopijiet mediċi. Qal li meta huwa pprova jġedded il-*visa* tiegħu wara li skadiet l-aħħar *visa*, huwa ġie infurmat mis-*Centra Visa Unit (is-CVU),* li ladarba l-*visa* tiegħu kienet għal skopijiet mediċi, din ma setgħetx tiġi mġedda ladarba rriżulta li r-rikorrent irrifjuta t-trattament mediku offrut lilu ġewwa Malta. Ir-rikorrent qal li huwa kien sorpriż b'din l-informazzjoni għaliex huwa ma jafx li kellu xi proċeduri mediċi skedati li huwa rrifjuta li jagħmel. Qal li bejn it-23 ta' Jannar u t-28 ta' Jannar, 2020 huwa kien rikoverat fl-Isptar Mater Dei għaliex sofra attakk tal-qalb, u għalhekk qatta' xi żmien l-isptar minkejja li ma kien

hemm l-ebda appuntament skedat. Ir-rikorrent qal ukoll li permezz ta' żewġ noti, waħda tat-3 ta' Settembru, 2020 u oħra tat-8 ta' Marzu, 2021, il-kardjologu Dr Andrew Cassar Maempel kien infurmah li huwa kien qiegħed isofri minn *severe ischaemic heart disease* u minn *heart failure,* u għalhekk kien hemm riskju kbir għal ħajtu jekk ikun espost għal ċerti riskji. Ir-rikorrent qal li minħabba l-COVID-19, kien ferm perikoluż għalih li jsiefer, u l-ivvjaġġar bl-ajru jew b'xi mod ieħor, fil-preżent ikun ferm riskjuż għalih. Qal ukoll li huwa persuna vulnerabbli aktar minn ħaddieħor u għadu jsofri minn problemi f'qalbu, u għalhekk għandha tinħariġlu *visa* għal raġunijiet mediċi.

4. L-intimata ***Central Visa Unit*** [hawnhekk 'l-appellata *CVU*'] , fir-risposta tagħha spjegat li r-rikorrent ilu jgħix hawn Malta mill-2018, u sa Marzu tal-2021 il-*visa* tiegħu dejjem ġiet imġedda. Qalet li fil-fatt kien hemm drabi meta l-*visa* tar-rikorrent ġiet imġedda għaliex dan kien qiegħed jirċievi trattament mediku hawn Malta, sakemm f'Marzu tal-2021, huwa talab tiġdid tal-*visa* tiegħu sabiex ikun awtorizzat jibqa' jgħix f'Malta. L-intimata spjegat li qabel beda l-proċess tat-tiġdid tal-*visa* tar-rikorrent, saret konsultazzjoni mal-konsulent mediku li qiegħed jieħu ħsieb lir-rikorrent, Dr Andrew Cassar Maempel, li informa lis-*CVU* li r-rikorrent kien qiegħed jirrifjuta t-trattament mediku suġġerit lilu u ma riedx jipproċedi b'intervent kirurġiku relattiv għall-kundizzjoni medika tiegħu. L-intimata *CVU* kompliet tgħid li l-konsulent mediku kuranti tar-rikorrent imkien ma qal li r-rikorrent ma jistax jivvjaġġa, jew li dan għandu jibqa' f'Malta għaliex qiegħed jirrifjuta li jirċievi t-trattament suġġerit lilu. Qalet li f'każ li hija tiġi infurmata li r-rikorrent ma jistax jivvjaġġa, hija tkun tista' ġġedded il-*visa* tar-rikorrent abbażi tat-trattament mediku kontinwu li qiegħed jirċievi, iżda li min-naħa l-oħra hija trid tassigura wkoll li ma tinħareġ l-ebda *visa* lil persuni li

mhumiex eliġibbli għaliha. Is-*CVU* spjegat li hija ma tistax iġġedded il-*visa* ta' persuna abbażi tat-trattament mediku li qiegħed jirċievi ġewwa pajjiżna, meta dan l-istess persuna jkun qiegħed jirrifjuta l-intervent kirurġiku meħtieġ sabiex tiġi ndirizzata il-problema medika tiegħu, meta dan il-persuna ma jkunx meqjus li ma jistax jivvjaġġa minħabba l-kundizzjoni tiegħu. Qalet li persuna li qiegħed jirrifjuta li jsirlu intervent kirurġiku, m'għandux jitħalla jibqa' f'Malta għal raġunijiet mediċi, sempliċiment għaliex kull tliet xhur dan qiegħed imur l-isptar sabiex isirulu t-testijiet tad-demm u sabiex jiġi ttestjat il-livell tal-pressjoni fid-demm. Qalet li ma ġie sottomess l-ebda ċertifikat li jgħid li r-rikorrent m'għandux jitħalla jivvjaġġa, u kien biss wara li ġie intavolat l-appell tar-rikorrent quddiem il-Bord, jiġifieri f'Marzu tal-2022, li r-rikorrent ipproduċa ċertifikat mediku maħruġ minn Dr Ferriggi li jgħid li r-rikorrent m'għandux jivvjaġġa. L-intimata talbet lill-Bord jiddetermina jekk hija kinitx korretta fir-rifjut tagħha li ġġedded il-*visa* tar-rikorrent li kienet inħarġet abbażi tal-fatt li kien qiegħed jirċievi trattament mediku.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-5 ta' Mejju, 2022, il-Bord ċaħad ir-rikors tal-appell tar-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"This is an appeal from a decision transmitted to appellant verbally by a representative from the Central Visa Unit. Appellant claimed he was told that his visa would not be renewed. This was transmitted to appellant on the 16th March, 2021. Appellant presented his appeal on the 27th of March, 2021.*

*Various board sittings were held wherein appellants' legal representative besides producing witnesses, also produced various documents to sustain the basis of his appeal.*

*Board was authorised to proceed to give judgment.*

***Facts of the case***

*Appellants' first visit to Malta was in the year 2018 and during this time appellant suffered serious medical problems related to his heart. Appellant continued residing in Malta on the basis of a visa which was being renewed for medical reasons. Appellant states that his visa was being issued in view of medical treatment he was receiving in Malta. His last visa, expired on the 28th of March, 2021, and was not renewed. By means of an email received and sent by the Central Visa Unit, appellant was informed that, "*kindly note that as explained in my previous emails, *visa* was issued for medical purposes. Since CVU received confirmation from the hospital that the applicant did not go through with his medical procedures, CVU will not extend his *visa* any further." *A medical report signed by Dr Andrew Cassar Maempel confirmed that appellant was refusing surgery due to fear of surgery. Also, before refusing to renew appellants' visa, the Central Visa Unit communicated directly with his medical doctor who confirmed that appellant was refusing to undergo surgery.*

*Central Visa Unit did not accede to renew appellants' visa as it resulted that after consulting with his medical doctor, appellant was refusing treatment which was being offered to him and did not want to proceed with undergoing surgery for his condition.*

*Following the refusal by the Central Visa Unit to have his visa renewed, appellant contended that he was not fit to travel. This was brought to light only when his visa was refused. At renewal stage this information was not produced to the Central Visa Unit who in the end decided against renewing appellants' visa since appellant was not undergoing any medical treatment except for the taking of blood tests and checking of his blood pressure. A medical certificate declaring appellant unfit to travel was produced on the 17th of March, 2022 and signed by Dr J. Ferriggi – post refusal.*

*Appellants' visa was being renewed in view of the medical treatment he was receiving and it was on the basis of such that he could remain in Malta.*

***Decide***

*The Immigration Appeals Board refers to all evidence produced, note of submissions presented by the parties.*

*The Immigration Appeals Board rejects appellants' appeal on the basis that the reason why appellants' visa was being renewed no longer subsists. Particular reference is being made to the fact that appellant has over the years refused to undergo surgery."*

**<u>L-Appell</u>**

6. Ir-rikorrent ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata permezz ta' rikors tal-appell tal-10 ta' Mejju, 2022, fejn beda billi qal li dan l-appell għandu jimxi flimkien ma' dak tat-tifel tiegħu Liu Handuo dwar ir-rifjut tal-permess ta' residenza tiegħu abbażi ta' studju. L-appellant kompla jgħid li filwaqt li jaf li skont l-artikolu 25A (8) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, appell quddiem din il-Qorti tal-Appell jista' jsir biss fuq punt ta' liġi, f'Malta l-uniċi liġijiet domestiċi li jirregolaw il-*visas* huma l-artikolu 8 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 595.07. Żied jgħid li safejn jaf hu, m'hemm l-ebda liġi domestika oħra li tgħid kif għandha tiġi pproċessata applikazzjoni għal *visa*, u x'għandu jsir biex tinħareġ jew tinżamm milli tinħareġ *visa* ta' persuna li m'għandhiex x'taqsam mal-Unjoni Ewropea jew maż-Żona Schengen. Qal li għalhekk sab ruħhu f'diffikultà meta ġie biex jibbaża l-appell tiegħu fuq punt ta' liġi, għaliex m'hemm l-ebda liġi li fuqha huwa jista' jsejjes l-appell tiegħu.

7. L-appellant qal li hemm ir-Regolament 810/2009 li jitkellem biss dwar meta wieħed jaqsam fruntiera għal Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, u mill-bqija m'hemm xejn li jirregola l-mod kif l-awtoritajiet tal-pajjiż għandhom jipproċessaw applikazzjoni għal *visa,* u kif għandhom jagħmlu l-verifiki neċessarji. Qal li f'dan il-każ, peress li fil-passat kienu nħarġulu *visas*, jispetta lill-awtoritajiet domestiċi li jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni tiegħu. Żied jgħid li r-

rifjut jew l-ilqugħ tat-talba tiegħu mhumiex ibbażati fuq xi dritt, iżda fuq jekk il-persuna li qegħda tiddeċiedi dwar it-talba tiegħu tħossx li huwa għandu jingħata *visa*. L-appellant allega li huma l-ħaddiema tas-servizz pubbliku li jaħdmu fis-*Central Visa Unit* li jfasslu metodi kif għandhom jiġu pproċessati talbiet bħal dawn, u qal li anki l-klassifika u n-nomenklatura ma tirriżultax mil-liġi, skont il-prassi li jħaddmu dawn l-istess persuni. L-appellant qal illi li kieku l-ipproċessar tal-*visa* tiegħu kien jaqa' taħt ir-Regolament 810/2009, id-deċiżjoni kienet tinħareġ tramite l-formula li tinsab fl-*Annex VI* tar-Regolament, imma fil-każ odjern ir-rifjut wasal għandu permezz ta' *email.* Qal li waqt is-smigħ tal-appell quddiem il-Bord, l-uffiċjali tas-*Central Visa Unit* li telgħu jixhdu, saħansitra qalu li ladarba s-*CVU* ma kinitx tat deċiżjoni abbażi tal-formula li tinsab fl-Annex VI, l-appellant lanqas biss kellu dritt jappella. L-appellant qal li għalhekk ir-Regolament 810/2009 mhux applikabbli għall-każ, u fil-fatt dak li japplika huwa r-reġim domestiku li m'huwa deskritt fl-ebda liġi primarja jew sussidjarja. Qal li għalhekk huwa kien kostrett jintavola l-appell fuq punt ta' fatt u mhux fuq punt ta' dritt, u sostna li fil-liġi Maltija hemm lakuna fejn tidħol ir-regolamentazzjoni ta' *visas* ta' persuni li mhumiex minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew miż-Żona Schengen.

8. L-appellant qal li l-Bord għamel apprezzament ħażin tal-provi, għaliex fid-deċiżjoni tiegħu skarta fatti importanti, u għalhekk wasal għal deċiżjoni fattwalment żbaljata. Qal li l-każ huwa wieħed sempliċi fil-mertu, u l-appellati imkien ma kkontestaw li fil-passat huwa kien ingħata numru ta' *visas* għal raġunijiet mediċi. Qal li però l-aħħar applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda għaliex ċerta Graziella Pace mis-*Central Visa Unit* iddeċidiet li xi proċeduri mediċi li kellhom isiru fuqu minn xi sptar, baqgħu ma sarux. Qal li din Graziella Pace qatt

ma xehdet quddiem il-Bord u lanqas ma tat spjegazzjoni dwar minn fejn kisbet din l-informazzjoni tagħha. Qal li meta quddiem il-Bord xehed Jean Claude Attard mis-*Central Visa Unit*, dan qal li s-*CVU* kien ġie infurmat minn tabib li l-appellant kien qiegħed jirrifjuta li jirċievi t-trattament, mingħajr ma qal min hu t-tabib jew kif stabbilixxa kuntatt miegħu. Qal li filwaqt li huwa minnu li ġie ssuġġerit lilu intervent kirurġiku, huwa insista fuq *conservative treatment,* u għalhekk mhux minnu li huwa rrifjuta t-trattament suġġerit lilu, iżda dan kien biss sempliċement każ fejn huwa għażel linja ta' trattament minflok oħra. Qal ukoll li hemm rapport maħruġ minn Dr J. Ferriggi li jgħid li huwa jsofri minn *serious ischaemic heart disease,* u għalhekk jinsab f'qagħda dgħajfa li minħabba fiha mhux rakkommandat li jsiefer lejn iċ-Ċina. L-appellant qal li anki f'każ li huwa jitlef dan l-appell, huwa xorta waħda ma jistax jivvjaġġa minħabba fil-qagħda tiegħu. L-appellant qal li l-Bord kien żbaljat meta rrimarka dwar il-fatt li r-rapport ta' Dr Ferriggi kien datat is-17 ta' Marzu, 2022, u għalhekk wara li ġie ppreżentat l-appell. Qal li l-unika konsiderazzjoni li tħoll u torbot huwa l-fatt li huwa jinsab f'qagħda dgħajfa ta' saħħa, u l-fatt li Dr Ferriggi ħejja r-rapport tiegħu wara li l-appellant kien intavola l-appell tiegħu quddiem il-Bord m'għandux jirrendi dak ir-rapport inqas veritier jew xi ħaġa li setgħet tiġi skartata leġġerment.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. Fir-risposta tagħhom l-appellati wieġbu li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma, u t-talba tal-appellant li l-proċess fir-rigward ta' ibnu Lin Handuo għandu jinġab a konjizzjoni ta' din il-Qorti, għandha tiġi miċħuda għaliex iż-żewġ talbiet huma separati u distinti minn xulxin. L-appellati qalu ukoll li s-

*Central Visa Unit* qatt ma kienet parti mill-proċeduri quddiem il-Bord, u għalhekk is-*Central Visa Unit* għandha tiġi formalment liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

10. L-appellati qalu li l-appellant *ex admissis* jgħid li l-appell interpost minnu quddiem din il-Qorti huwa fuq punti ta' fatt u mhux dwar punti ta' liġi, u l-appellant iżid jgħid li ladarba m'hemm l-ebda liġi li tirregola l-għoti ta' *visas* abbażi ta' raġunijiet mediċi, din il-Qorti għandha tisma' l-appell tiegħu fuq il-fatti u tinjora l-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellati qalu li l-appellant diġà kellu opportunità jirribatti l-fatti kif ġraw u jikseb ġudikat sħiħ dwar il-fatti permezz tal-proċeduri quddiem il-Bord, u għalhekk ladarba jirriżulta li l-Bord ħa konjizzjoni tal-appell interpost quddiemu u eżerċita ġurisdizzjoni u kompetenza dwar l-istess, l-appellant ma jistax issa jargumenta li d-dritt ta' appell minn dik id-deċiżjoni huwa limitat minħabba n-natura tal-appell innifsu. Qalu li ladarba l-appellant appella mid-deċiżjoni quddiem il-Bord u qagħad għall-artikoli tal-liġi li jirregolaw il-proċedura tal-appell taħt il-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jistax jiġi quddiem din il-Qorti u jagħżel liema artikolu tal-liġi jagħmel sens fiċ-ċirkostanzi odjerni jew le. Qalu li d-dritt ta' appell huwa fuq punt ta' liġi, u għalhekk sta għall-appellant li jindika jekk l-appell tiegħu għandux bażi legali jew le. Qalu li l-appellant huwa żbaljat meta f'nifs wieħed jiddikara li għandu dritt jagħmel appell, iżda imbagħad jitfa' l-oneru tal-appell tiegħu fuq l-appellati biex jagħmlu x-xogħol tiegħu, bit-tama li l-appell jiġi proċeduralment sanat.

11. L-appellati spjegaw li l-appellant kien applika għal *long term visa* u dan kien ingħata *visa* biex jiġi Malta. Ġara li l-appellant marad u l-*visa* tiegħu bdiet tiġi mġedda għal raġunijiet mediċi, bil-premura li huwa jingħata l-kura

neċessarja sakemm ifiq jew iħossu aħjar. L-appellati qalu li l-applikazzjoni għal *long term stay* ġiet abbandunata għaliex l-appellant ma kellux biżżejjed fondi biex isostni din l-applikazzjoni li kien għamel, u malli din l-applikazzjoni ġiet irtirata, l-appellant marad u l-Aġenzija Identity Malta kienet lesta tagħtih *visa* sakemm huwa jirrikorri għat-trattament mediku meħtieġ u li jiġi suġġerit mill-professjonisti. L-appellati qalu wkoll li kieku l-applikazzjoni għal *long term residence* ġiet milqugħa, l-appellant kien jingħata ċertifikat ta' residenza. L-appellati spjegaw li minħabba s-sitwazzjoni tal-appellant, l-awtoritajiet ikkonċedew li l-*visa* tiegħu tiġġedded bil-premess li huwa jaċċetta l-kura, u meta jħossu aħjar ikun jista' jirritorna lejn il-pajjiż tal-oriġini tiegħu. L-appellati spjegaw li s-sitwazzjoni eċċezzjonali li għall-bidu kienet regolata bl-applikazzjoni għal *long term stay,* inbidlet minħabba l-istat ta' saħħa tal-appellant, fejn dan ġie dejjem mgħarraf li l-*visa* kienet qegħda tiġi mġedda bil-għan li huwa jieħu l-kura neċessarja u mhux b'mod indefinit. L-appellati qalu li s-sitwazzjoni hija waħda eċċezzjonali u mhux waħda li ġiet ikkreata minħabba xi lakuna fil-liġi jew minħabba nuqqas fil-qafas legali. Qalu li oriġinarjament id-dħul tal-appellant ġewwa Malta ma kienx regolat minn xi *visa* medika, imma l-problema nqalgħet għaliex ħadd ma seta' jipprevedi x'kien ser ikun l-istat ta' saħħa tal-appellant. L-appellati qalu wkoll li l-*visas* għad-dħul f'Malta għal raġunijiet ta' saħħa jingħataw b'mod eċċezzjonali u mhumiex in-norma.

12. L-appellati spjegaw li s-sub-artikolu 2 tal-artikolu 8 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta jirreferi għal regolamenti li l-Ministru responsabbli għall-Immigrazzjoni jista' jagħmel fir-rigward tal-ħruġ tal-*visas*. Qalu li permezz tal-artikolu 36 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Ministru responsabbli mill-Immigrazzjoni ta s-setgħa lill-Aġenzija Identity Malta sabiex tieħu ħsieb il-

ħruġ tal-*visas* relattivi, u għalhekk hija s-*Central Visa* Unit fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta li tirċievi applikazzjonijiet u talbiet għall-ħruġ ta' *visas* sabiex dawn jiġu pproċessati. Spjegaw ukoll li fuq il-*website* tas-*Central Visa Unit*, hemm informazzjoni preċiża dwar il-mod kif jistgħu jsiru l-applikazzjonijiet. L-appellati qalu wkoll li huwa risaput li deċiżjonijiet dwar *visas* jew id-dħul ta' persuni minn pajjiż terz dejjem jingħataw fid-diskrezzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, u l-Bord f'dan il-każ qies li r-raġuni għar-rifjut tal-applikazzjoni tal-appellant kienet waħda valida. Qalu li minkejja li l-poter diskrezzjonali li għandhom l-awtoritajiet kompetenti huwa wieħed wiesgħa, fil-każ odjern dan il-poter diskrezzjonali xorta waħda ġie mistħarreġ mill-Bord, u jekk l-appellant jemmen li kemm l-appellati kif ukoll il-Bord naqsu milli jimxu mad-dettami tal-liġi, dan kellu jinterponi appell abbażi ta' konsiderazzjonijiet legali.

13. L-appellati jikkontendu li d-dritt ta' appell minn revoka ta' *visa* joħroġ mill-artikolu 25A (7) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u d-dritt ta' appell fuq punt ta' dritt mid-deċiżjoni tal-Bord joħroġ mill-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellati qalu li l-appellant jikkontendi li l-Bord wasal għal deċiżjoni żbaljata wara li għamel apprezzament żbaljat tal-provi mressqa quddiemu. Saħqu li appelli mid-deċiżjonijiet tal-Bord jistgħu jsiru biss fuq punti ta' liġi *ai termini* tal-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217. L-appellati għamlu riferiment ukoll għal diversi insenjamenti tal-Qrati tagħna fejn ingħad li Qorti fi grad ta' appell m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata fl-ewwel istanza, f'dan il-każ il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. Qalu li ladarba l-artikolu 25A tal-Kap. 217 jipprovdi li d-deċiżjoni tal-Bord għandha tkun finali għajr għal dritt ta' appell fuq punti ta' liġi, u fid-dawl tal-ġurisprudenza kostanti dwar dan il-punt,

dan l-aggravju tal-appellant mhuwiex ammissibbli, għaliex jirrikjedi li din il-Qorti tagħmel eżami mill-ġdid tal-provi miġjuba quddiem il-Bord.

14. Minkejja dan, l-appellati spjegaw li l-allegazzjonijiet ta' fatti li saru mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu xorta waħda sejrin jiġu indirizzati minnhom. Qalu li fil-mument li saret it-talba għal *medical visa,* il-konsulent mediku tal-appellant stqarr b'mod ċar li minħabba biżgħa l-appellant kien qiegħed jirrifjuta l-intervent mediku suġġerit lilu. Qalu li l-Bord kellu r-rapport iffirmat mill-konsulent mediku Dr Andrew Cassar Maempel, u s-*Central Visa Unit* ikkomunikat direttament mat-tabib in kwistjoni li kkonferma l-kontenut tar-rapport tiegħu, jiġifieri li l-appellant kien qiegħed jirrifjuta l-intervent suġġerit lilu. Qalu li xi żmien wara li l-appellant intavola l-appell tiegħu quddiem il-Bord, huwa ppreżenta *medical note* bid-data tas-17 ta' Marzu, 2022, fejn it-Tabib J. Ferriggi indika li l-appellant mhux f'sikktu biżżejjed biex jivvjaġġa. Qalu li l-Bord ikkonsidra li din in-nota saret wara li ttieħdet id-deċiżjoni tal-awtoritajiet kompetenti, u għalhekk wieħed ma setax jakkordalha l-istess piż li ngħatat lid-dikjarazzjoni tal-konsulent mediku Dr Andrew Cassar Maempel li kien qiegħed isegwi lill-appellant.

15. L-appellati qalu wkoll li fil-każ odjern il-*visa* kienet qegħda tinħareġ b'rabta mat-trattament mediku li kien qiegħed jingħata l-appellant, u mhux għaliex kien impossibbli għalih li jirritorna lejn iċ-Ċina. Qalu li ladarba l-*visa* kienet qiegħda tiġġedded b'rabta mat-trattament mediku li l-appellant kien qiegħed jingħata, u dan it-trattament mediku ġie rrifjutat mill-appellant, huwa l-appellant stess li poġġa lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn il-*visa* li huwa talab ġiet miċħuda. Qalu li l-appellant issa ma jistax jilmenta li bin-nota tat-Tabib Ferriggi

kien qiegħed jiġi kkanċellat ir-rapport tal-konsulent Cassar Maempel, u żiedu jgħidu li l-ebda tabib m'għandu jxejjen it-trattament mediku ssuġġerit mill-ewwel konsulent mediku. Qalu wkoll li filwaqt li l-appellant għandu dritt jagħżel xi trattament mediku jaċċetta *o meno,* il-pajjiż li qiegħed jospitah u li qiegħed joffrilu trattament mediku, għandu l-jedd jirregola l-ħruġ ta' *visas* skont id-diskrezzjoni raġonevoli tiegħu. L-appellati żiedu jgħidu li fil-każ odjern l-Istat Malti offra kura medika lill-appellant li dan qiegħed jirrifjuta, u b'daqshekk huma mhumiex jiddettaw li l-appellant għandu jintbagħat lura lejn iċ-Ċina, anki għaliex dik is-setgħa tispetta biss lill-Prinċipal Uffiċjali tal-Immigrazzjoni, li għandu l-mezzi u s-setgħat sabiex jirregola persuni li jkunu qegħdin f'Malta b'mod illegali. L-appellati hawnhekk għamlu riferiment għall-artikolu 6(4) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, li jirregola l-mod kif il-Prinċipal Uffiċjali tal-Immigrazzjoni jasal għad-deċiżjoni tiegħu f'każijiet ta' emerġenza medika. L-appellati qalu li fil-każ odjern m'għandux jibqa' jiġi aċċettat dak li qiegħed jinsisti dwaru l-appellant li jibqa' jirrifjuta t-trattament mediku sabiex jibqa' jirrisjedi f'Malta b'mod indefinit, għaliex il-kunċett ta' '*visas*' mhux intiż sabiex jiġi abbużat b'dak il-mod. Qalu li għalhekk l-appell tal-appellant m'għandux jiġi milqugħ.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

16. Tqis illi ladarba ma jirriżultax u ma ġiex ippruvat li l-każ tal-appellant u dak tat-tifel tiegħu, b'xi mod huma konnessi jew għandhom x'jaqsmu ma' xulxin, il-Qorti mhijiex qegħda tieħu konjizzjoni tal-atti u tal-proċess separat li jikkonċerna lit-tifel tal-appellant, u għaldaqstant il-proċeduri separati mibdija

mit-tifel tal-appellant għandhom jimxu b'mod separat u distint minn dawk odjerni.

17. Il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravju tal-appellant li qiegħed jgħid li l-Bord għamel evalwazzjoni żbaljata tal-provi miġjuba quddiemu u dan għaliex il-Bord skarta diversi provi importanti, bil-konsegwenza li dan wasal għal deċiżjoni żbaljata fil-konfront tal-appellant. L-appellant jgħid li mhux minnu li huwa rrifjuta xi trattament mediku jew li naqas milli joqgħod għal xi proċedura medika, filwaqt li huwa minnu li rrifjuta l-intervent kirurġiku suġġerit mill-konsulent mediku tiegħu, dan għaliex huwa pprefera linja ta' trattament konservattiva. L-appellant qal li l-Bord injora għal kollox in-nota medika tat-Tabib Ferriggi, li spjega li huwa qiegħed isofri minn *serious ischaemic heart disease,* u għalhekk ma jistax jivvjaġġa, partikolarment f'dak il-mument meta l-ivvjaġġar bl-ajru kien riskjuż aktar minħabba l-COVID-19, li jista' jikkawża konsegwenzi serji fuq l-appellant f'każ li jimrad b'dan il-virus. L-appellant qal ukoll li huwa jaf li l-appell tiegħu hu msejjes fuq punti ta' fatt u mhux fuq punti ta' dritt, u stqarr li fil-liġi tagħna teżisti lakuna għaliex din ma tipprovdix dwar il-mod kif għandhom jiġu pproċessati l-*visas* ta' persuni li ġejjin minn pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk l-għoti jew ir-rifjut ta' *visas* bħal dawn huwa imħolli fid-diskrezzjoni ta' ħaddiema tas-settur pubbliku li jridu jagħtu d-deċiżjoni tagħhom fir-rigward tat-talbiet li jsirulhom.

18. Il-Qorti tqis li l-appellant issottometta lilu nnifsu għall-kompetenza tal-Bord billi ressaq appell mid-deċiżjoni dwar ir-rifjut tat-talba tiegħu għall-*visa ai termini* tal-artikolu 25A (7) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikolu 25A (8) tal-istess Att jgħid ukoll li appelli minn deċiżjonijiet bħal dawn jistgħu jsiru biss

fuq punt ta' dritt. L-appellant qiegħed jgħid li ma sab l-ebda liġi li fuqha jista' jsejjes l-appell tiegħu għaliex l-għoti jew ir-rifjut ta' *visas* lil persuni li ġejjin minn pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-Unjoni Ewropea mhumiex regolati bil-liġi Maltija. Fil-fatt huwa l-artikolu 8 tal-Kap. 217 li jirregola kif jinħarġu l-*visas* u li jelenka l-poteri li għandu l-Ministru responsabbli sabiex joħroġ regolamenti f'dan ir-rigward. Huwa minnu li l-liġi ma tispeċifikax il-kriterji li fuqhom tinħareġ jew tiġi rifjutata *visa,* iżda il-*website* tas-*Central Visa Unit* jipprovdi diversi dettalji u informazzjoni dwar l-andament tal-proċess tal-ħruġ tal-*visas.* Fil-każ odjern jirriżulta li t-talba tal-appellant għall-ħruġ ta' *long term visa* ġiet abbandunata għaliex l-appellant ma kellux biżżejjed fondi biex isostni din l-applikazzjoni li kien għamel. Jirriżulta mill-provi li wara li wasal Malta, l-appellant kellu bżonn iqatta' xi żmien rikoverat, fejn ġie stabbilit li huwa qiegħed isofri minn kundizzjoni medika, u kien għalhekk li dan ingħata *visa* speċjali in vista tat-trattament mediku li kellu bżonn jieħu sabiex ifiq jew itejjeb il-qagħda ta' saħħtu. Jirriżulta wkoll li wara li l-appellant irrifjuta l-intervent kirurġiku suġġerit lilu u għażel li jirċievi trattament konservattiv għall-kundizzjoni tiegħu, l-appellati rrifjutaw l-applikazzjoni tiegħu għall-*visa,* u dan għaliex l-awtoritajiet konċernati dehrilhom li l-appellant ma kellux jibqa' f'Malta indefinittivament bil-pretest li huwa għandu kundizzjoni medika, meta huwa qiegħed jirrifjuta li jieħu l-kura neċessarja għaliha.

19. Il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-mod kif l-awtoritajiet appellati eżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom fil-każ odjern. Filwaqt li huwa minnu li l-appellant ma jistax ikun kostrett jissottoponi ruħhu għal intervent kirurġiku li huwa mhux konvint li għandu jgħaddi minnu, madanakollu jibqa' l-fatt ukoll li dan ma jistax jibqa' jgħix f'Malta abbażi ta' *visa* medika meta dan m'huwa

jirċievi l-ebda trattament partikolari għall-kundizzjoni tiegħu, iżda qiegħed biss jagħmel testijiet mediċi kull tant żmien. F'dan ir-rigward, fil-fehma tal-Qorti jkun aktar opportun li l-i*status* ta' residenza tal-appellant jiġi deċiż mill-Prinċipal Uffiċjali tal-Immigrazzjoni wara li dan jeżerċita s-setgħat mogħtija lilu bis-saħħa tal-artikolu 6(4) tal-Kap. 217. Huwa biss b'dan il-mod li jista' jiġi assigurat li l-proċess tal-għoti ta' *visa* lill-appellant ma jiġix abbużat, u fl-eventwalità li dan jimmerita li jingħata permess biex jibqa' f'Malta sakemm jirċievi l-kura meħtieġa, din ma tiġix imċaħħda lilu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiċħad l-appell tal-appellant, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**<br>
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**<br>
**Deputat Reġistratur**